MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tat-13 ta' April, 2007

Appell Kriminali Numru. 90/2007

Appell Nru. 90/07

Il-Pulizija
(Spettur Nezrin Grixti)
Vs

Omissis
Bartolomeo Mula

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fid-19 ta' Ottubru, 2004 bla hsieb li jisraq jew li jaghmel hsara kontra l-ligi izda biex jezercita jedd li jippretendi li ghandu, gieghel bl-awtorita' tieghu innifsu lil xi hadd ihallas dejn, jesegwixxi obbligazzjoni tkun li tkun, jew fixkel lil xi hadd fil-pussess ta' hwejgu, jew b'xi mod iehor indahal fi hwejjeg haddiehor, u dan billi ghatta

numru ta’ twieqi fid-dar “San Gwann”, Triq Panoramika, Dingli, fil-pussess tal-kwerelant u li jsewwi biex jaghti dawl u l-arja lil din id-dar, b’mod illi ma jhallix lil kwerelant igawdi t-twieqi w id-dar in kwistjoni.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tat-28 ta’ Frar, 2007, li biha, wara li rat l-Artikolu 85 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, sabet lill-appellant hati tal-akkuza kif dedotta fil-konfront tieghu w ikkundannatu ghal hlas ta’ multa ta’ tletin lira Maltin (LM30), u ordnat lill-appellant inehhi l-inkonvenjent minnu maghmul konsistenti fi twahhil ta’ hadid mat-twieqi ta’ John Micallef fi zmien xahrejn taht penali ta’ hames liri Maltin (LM5) kuljum fin-nuqqas.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fis-7 ta’ Marzu, 2007, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha tirrevoka, thassar u tannulla s-sentenza appellata w tillibera lill-appellant minn kull htija w piena.

Fliet l-atti kollha processwali.

Rat l-aggravji tal-appellanti li jikkonsistu fis-segwenti w cioe’ :
1. Illi meta harget ic-“charge” jidher car li l-okkorrenza hi datata 25 ta’ Jannar, 2004 u ghalhekk ma jistghax ikun li l-akkuza tirrizulta fil-konfront tieghu stante li l-akkuza titratta dwar id-data tad-19 t’Ottubru, 2004 wahedha;
2. Illi mhux minnu li fid-19 t’Ottubru 2004 kien fuq il-post jaghmel dak li gie akkuzat bih;
3. Illi l-element tal-artikolu 85 tal-Kap. 9 ma gewx pruvati u dan stante li huwa ma kienx qed jezercita ebda dritt li qed jippretendi li ghandu ghax effettivament huwa ma hu qed jezercita ebda dritt izda agixxa fuq inkarigu tal-imghallem tieghu. Bhal ma saret ebda prova li l-propjeta’ hija ta’ John Micallef kif qalet l-Ewwel Qorti;
4. Illi ma saret ebda prova li l-allegat reat sar fid-19 t’Ottubru, 2004 u li tali reat sar mill-appellant;
5. Illi anke dwar il-piena, din minbarra li hija eccessiva, hija wkoll fl-impossibilita’ tal-appellant li jnehhi l-inkonvenjent stante li l-propjeta’ mhix tieghu u ma jistghax jaccedi ghal tali propjeta’ minghajr il-kunsens ta’ terzi. Li

ghalhek hawnhekk si tratta tal-klassiku ***nemo tenetur ad impossibilia***;

6. Illi l-appellant ma setghax jigi ordnat inehhi l-inkonvenjent stante li l-akkuza hija mankanti minhabba li tghid li l-Qorti ghandha tordna lill-imputat inehhi l-inkonvenjent u mhux lill-imputati kif suppost kellha tkun.

Semghet ix-xhieda ta' John Micallef, Salvu Cuschieri, Michael Bonello u l-Perit Godwin Aquilina.

Ikkonsidrat,

Illi mill-provi li hargu min dawn ix-xhieda ma rrizultax meta gie kommess l-att spoljattiv li jaghti lok ghall-azzjoni kriminali ta' ragjon fattasi u dana billi ghalkemm irrizulta mix-xhieda ta' John Micallef li l-appellant kien ammetta l-fatt li hu kien li wahhal it-tilari bil-mexx mal-aperturi tal-fond tal-istess Micallef,  ma jirrizultax meta ghamel dan l-att.

Ikkonsidrat,

Illi fic-citazzjoni quddiem l-Ewwel Qorti issemmiet data specifika tad-19 t'Ottubru, 2004,  pero' jidher car ukoll mix-xhieda tal-istess John Micallef illi l-att x'aktarx li ma giex kommess dak inhar imma f'data ohra precedenti u cioe' fl-intervall ta' bejn gimgha w gimghatejn bejn l-ahhar vista li hu kien ghamel fil-fond tieghu w d-19 t'Ottubru, 2004.

Rat illi l-prosekuzzjoni in vista ta' dan l-istat ta' provi irremettiet ruhha ghar-rikors tal-appellant.

Il-Qorti hija rinfaccata b'sitwazzjoni anomala fejn ghalkemm jirrizulta car b'mod mhux kontradett li kien l-appellant li ghamel ix-xogholijiet sia pure fuq struzzjonijiet ta' certu Jeffrey Mizzi, ma jirrizulta bl-ebda mod li dawn ix-xogholijiet saru - anzi l-probabbilta' teskludi li saru - fid-data msemmija fil-komparixxi.

F’dan l-istat ta’ provi ghalhekk il-Qorti thoss, li r-raba’ aggravju hu gustifikat u li  dan l-appell ghandu jigi milqugh.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, l-Qorti qed tilqa’ l-appell u tirrevoka s-sentenza appellata b’dan illi l-appellant qed jigi liberat minn kull imputazzjoni u piena kif ukoll ordni biex inehhi l-inkonvenjent u penali relattiva.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------